



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2018
COM(2018) 843 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 dwar l-istatistika
demografika Ewropea**

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 dwar l-istatistika demografika Ewropea¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ukoll “ir-Regolament”) jistabbilixxi qafas legali komuni għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid ta' statistiċi Ewropej dwar il-popolazzjoni u l-avvenimenti vitali.

Qabel, l-Istati Membri kienu jissottomettu din id-*data* b'mod volontarju għal diversi snin iżda minħabba li din kienet ibbażata fuq id-definizzjonijiet, il-kunċetti u l-metodi demografiċi varji tagħha, kien hemm riskji ta' eteroġenità, ta' inkomparabbiltà, ta' inkonsistenza u ta' nuqqas ta' puntwalità. Il-qafas komuni kien maħsub biex jissodisfa l-ħtieġa għall-istatistiċi demografiċi annwali ta' kwalità għolja meqjusa fundamentali għall-formulazzjoni u għall-evalwazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki, b'mod partikolari rigward kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi, f'livell nazzjonali u reġjonali. Dan hu partikolarment importanti għaliex l-istatistiċi dwar il-popolazzjoni u l-avvenimenti vitali jintużaw bħala denominatur għal firxa wiesgħa ta' indikaturi tal-politika.

L-Artikolu 11 tar-Regolament jitlob li l-Kummissjoni tissottometti l-ewwel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2018 u t-tieni rapport sal-31 ta' Diċembru 2023. Dan id-dokument hu dak l-ewwel rapport.

It-Taqsima 2 ta' dan ir-rapport tagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatistiċi demografiċi Ewropej u b'mod partikolari lejn ir-rekwiżiti tar-Regolament u l-miżura ta' implimentazzjoni relatata adottata mill-Kummissjoni².

It-Taqsima 3 tagħti rendikont ta' kif ġie implimentat ir-Regolament, b'referenza għall-kriterji tal-kwalità stabbiliti għall-istatistiċi Ewropej, inklużi l-komparabbiltà u l-piż fuq il-fornituri tad-*data* u r-rispondenti fl-Istati Membri.

It-Taqsima 4 tiddekrivi l-ġbir tad-*data* u l-metodi ta' stima użati, li jinkludu dawk użati biex tiġi stmata l-popolazzjoni totali (l-Artikolu 4 tar-Regolament).

It-Taqsima 5 tirrapporta dwar ir-riżultati ewlenin tal-istudji ta' fattibbiltà dwar id-definizzjoni ta' “residenza abitwali” u l-implimentazzjoni ta' din mill-Istati Membri (l-Artikolu 8).

Finalment, it-taqsima 6 tagħti ħarsa lill-kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati bl-għan li jittejjeb il-qafas komuni, fid-dawl tal-konklużjonijiet tat-taqsimiet preċedenti.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTATISTIĊI DEMOGRAFIĊI KOPERTI MIR-REGOLAMENT

L-oqsma prinċipali tal-istatistiċi regolati bir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 huma:

- il-popolazzjoni skont l-età, is-sess u r-reġjun ta' residenza;

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika demografika, fir-rigward tat-tqassim tad-dejta, tal-iskadenzi u tar-reviżjonijiet tad-dejta (ĠU L 65, 5.3.2014, p. 10).

- il-każijiet ta' twelid ħaj skont is-sess, ix-xahar tat-twelid, l-ordni tat-twelid ħaj, l-età tal-omm, is-sena tat-twelid tal-omm, il-pajjiż tat-twelid tal-omm, il-pajjiż taċ-ċittadinanza tal-omm u r-reġjun tar-residenza tal-omm;
- l-imwiet skont l-età, is-sess, is-sena tat-twelid, ir-reġjun tar-residenza, il-pajjiż tat-twelid, il-pajjiż taċ-ċittadinanza u x-xahar tal-mewt; u
- il-popolazzjoni ta' "residenti abitwali" totali³ għall-finijiet speċifiċi tal-Unjoni.

Ir-Regolament jipprovdi l-bażi ġuridika għall-ġbir tad-*data* meħtieġa għal:

- statistiċi demografiċi dettaljati dwar il-popolazzjoni, il-każijiet ta' -twelid ħaj u ta' mwiet f'livell nazzjonali u reġjonali (Artikolu 3); u
- kejl tal-popolazzjoni totali għal votazzjoni b' maġġoranza kwalifikata (VMK) fil-Kunsill, b'mod partikolari kif meħtieġ skont l-Artikolu 238(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 4).

Rigward l-Artikolu 3, filwaqt li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu *data* dwar il-popolazzjoni ta' "residenti abitwali" tagħhom, tingħata ċerta flessibbiltà u l-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* dwar il-popolazzjoni ta' "residenti legali" jew "reġistrata" u l-avvenimenti vitwali relatati (twelid ħaj u mwiet). B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament (Artikolu 2(d)) jistipula li, meta ċ-ċirkustanzi għal residenzi abitwali ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti, "residenza abitwali" tista' titqies li tfisser il-post ta' residenza legali jew reġistrata.

Biex tgħin fl-implimentazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-produzzjoni u fil-provvista tad-*data* rilevanti. Tabilħaqq, kienet tagħmel dan tul il-ħafna snin li matulhom id-*data* kienet tiġi pprovduta fuq bażi volontarja. L-istatistiċi jiġu forniti lill-Eurostat mill-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs).

Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 205/2014 biex tistabbilixxi arranġamenti prattiċi għad-disaggregazzjonijiet tad-*data*, għall-iskadenzi tat-trażmissjoni u għar-reviżjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri jipprovdu lill-Eurostat ukoll b':

- *data* annwali provviżorja dwar il-popolazzjoni totali, il-każijiet ta' twelid ħaj totali u ta' mwiet totali f'livell nazzjonali (fi żmien sitt xhur minn tmiem kull sena bażi); u
- *data* provviżorja ta' kull xahar dwar il-każijiet ta' twelid ħaj totali u ta' mwiet totali għal tal-anqas l-ewwel sitt xhur tas-sena bażi (sat-30 ta' Novembru ta' dik is-sena).

Minbarra d-*data* pprovduta skont ir-Regolament, l-Istati Membri jibagħtu ċertu numru ta' tabelli fuq bażi volontarja, eż. informazzjoni dwar l-imwiet skont l-età, is-sess u l-kisbiet edukattivi, li jintużaw biex tiġi kkalkolata l-istennija tal-ġhomor skont il-kisbiet edukattivi.

³ "Residenza abitwali" hi l-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament minn assenzi temporanji għal finijiet ta' rikreazzjoni, ta' vakanzi, ta' żjarat lill-ħbieb u lill-qraba, ta' negozju, ta' kura medika jew ta' pellegrinaġġi reliġjużi. Il-persuni li ġejjin biss jiġu kkunsidrati bħala residenti abitwali taż-żona ġeografika kkonċernata:

- dawk li ilhom jgħixu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-*data* ta' referenza jew
- dawk li jkunu waslu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom fit-12-il xahar qabel id-*data* ta' referenza bil-ħsieb li joqogħdu hemm għal mill-inqas sena.

Permezz ta' monitoraġġ strett (fuq il-bażi ta' metadata estensiva) tal-aderenza mal-kunċett u mad-definizzjoni ta' "residenza abitwali", ir-Regolament jiżgura li d-*data* dwar il-popolazzjoni prodotta għall-VMK (Artikolu 4) tkun komparabbli bejn l-Istati Membri.

3. IL-KWALITÀ TAD-DATA TRAŻMESSA

Din it-taqsimha tevalwa l-implimentazzjoni tar-Regolament fuq il-bażi tal-kriterji standard dwar il-kwalità f'konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea⁴ u mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistiċi Ewropej⁵.

Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 jeħtieġ li l-Istati Membri jiġbru, jikkompilaw, jipproċessaw u jibagħtu statistiċi armonizzati dwar il-popolazzjoni u l-avvenimenti vitali. Dawn iridu jiżguraw il-kwalità tad-*data* billi japplikaw kriterji speċifiċi tal-kwalità bħall-puntwalità u l-preċiżjoni (ara aktar 'il quddiem) li huma jridu jirrapportaw lill-Eurostat. Il-Eurostat jirrieżamina l-metadata u l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-Istati Membri, u jippubblika l-istatistiċi fuq is-sit web tiegħu fil-forma ta' tabelli multidimensjonali jew ta' artikli analitiċi akkumpanjati mill-metadata rilevanti.

Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-Istati Membri diġà kienu pprovdew fuq bażi volontarja ħafna mid-*data* li dan jeħtieġ. Madankollu, id-disponibbiltà u l-kompletezza tad-*data* tjiebu b'mod sinifikanti taħt il-bażi ġuridika l-ġdida. It-titjib ġenerali fil-kwalità tad-*data* wassal għal preċiżjoni, għal koerenza u għal komparabbiltà aħjar tad-*data*. L-Istati Membri tejbu s-sorsi ta' *data* sottostanti u l-metodoloġiji u l-għodod statistiċi użati għat-tnejn tad-*data*, u dan irriżulta f'kopertura aħjar u fi trażmissjonijiet aktar puntwali tad-*data*. Dan ippermetta lill-Kummissjoni biex tqassar iż-żmien meħtieġ għat-tixrid tad-*data*, tiffaċilita l-ħruġ aktar puntwali tad-*data* u tkompli ttejjeb l-aċċessibbiltà tad-*data* mill-utenti, eż. metadata mtejba u *data* armonizzata (ara t-taqsimha 3.4 aktar 'il quddiem).

Barra minn hekk, il-ġbir tad-*data* nġhaqad ma' dak tad-*data* meħtieġa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali,⁶ biex tinkiseb konsistenza bejn id-diversi disaggregazzjonijiet tal-popolazzjoni u, sa fejn possibbli, fil-bilanċi demografiċi bejn il-popolazzjoni, l-avvenimenti vitali u l-flussi migratorji. Is-sottomissjonijiet tal-metadata tal-Istati Membri nġhaqdu flimkien ukoll.

3.1. Rilevanza

Il-Kummissjoni tuża statistiċi demografiċi fit-tnejn ta' rapporti regolari, ta' proposti tal-politika, ta' rapporti ta' implimentazzjoni meħtieġa skont il-leġislazzjoni tal-UE, u ta' analiżi tal-politiki. Pereżempju, ir-rapporti tagħha dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali⁷ u

⁴ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-32-11-955>

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-ġbir ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

⁷ http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/information/cohesion-report/

s-“suppliment speċjali dwar it-tendenzi demografiċi”⁸ tar-*rieżami trimestrali tas-sitwazzjoni tal-impjiegi u soċjali tal-UE* jużaw informazzjoni reġjonali u nazzjonali dwar il-popolazzjoni u l-avvenimenti vitali. Applikazzjoni diretta waħda tad-*data* mibgħuta skont ir-Regolament hi fil-qasam tal-projezzjonijiet ta’ kull tliet snin tal-Eurostat tal-popolazzjoni demografika,⁹ li juru kemm id-daqs u l-istruttura tal-popolazzjoni jistgħu jinbidlu jekk jibqgħu validi ċerti suppożizzjonijiet dwar il-fertilità, il-mortalità u l-migrazzjoni. Dawn il-projezzjonijiet jintużaw ukoll għar-*Rapport dwar it-tixjiħ*,¹⁰ biex jiġi vvalutat l-impatt ekonomiku u baġitarju fit-tul tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Barra minn hekk, l-istatistiċi huma kontribut importanti fil-proċess deċiżjonali tal-UE, peress li l-popolazzjoni tiddetermina l-ponderazzjonijiet tal-VMK tal-Istati Membri fil-Kunsill.

L-istatistiċi prodotti skont ir-Regolament jintużaw b’mod regolari mill-amministrazzjonijiet nazzjonali, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, mir-riċerkaturi akkademiċi u mill-gruppi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq firxa wiesgħa ta’ suġġetti u għall-programmi ta’ ppjanar, ta’ monitoraġġ u ta’ evalwazzjoni f’numru ta’ oqsma tal-politika soċjali u ekonomika. Pereżempju, dawn jintużaw biex:

- jiġu analizzati t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-effetti ta’ dan fuq is-sostenibbiltà u l-benessri;
- tiġi evalwata l-fertilità bħala parti mill-isfond għall-politiki dwar il-familja; u
- jiġu kkalkolati l-istatistiċi *per capita*.

Mill-istatistiċi kollha mxerrda mill-Eurostat, dawk relatati mal-popolazzjoni huma dawk l-aktar ikkonsultati. It-taqsima “Population”¹¹ (“Popolazzjoni”) fuq is-sit web tal-Eurostat tippreżenta l-istatistiċi disponibbli, il-leġiżlazzjoni tal-UE kkonċernata (b’mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 1260/2013) u l-metodi ta’ għir tad-*data*. Minn nofs l-2016, din kienet it-taqsima tematika li tikklassifikata fl-ewwel post għan-numru ta’ konsultazzjonijiet mill-utenti b’viżwalizzazzjonijiet annwali tal-paġna fil-medda ta’ nofs miljun.

Fl-2015-2017,¹² id-*data* annwali dwar il-popolazzjoni f’livell nazzjonali¹³ kienet konsistentement l-aktar popolari (bejn 11 % u 18 % tal-viżwalizzazzjonijiet annwali) mit-tabelli statistiċi soċjali u fost l-aktar tliet tabelli viżwalizzati tal-Eurostat. Hemm interess dejjem akbar fost l-utenti dwar id-*data* fuq it-tibdil fil-popolazzjoni. “Demographic balances and crude rates at national level”¹⁴ (“Bilanċi demografiċi u rati mhux proċessati f’livell nazzjonali”) ra l-viżwalizzazzjonijiet tal-paġna tiegħu jiżdiedu b’66 % fl-2015-2017, u b’hekk ikkonsolida l-pożizzjoni tiegħu bħala wieħed mill-aktar settijiet ta’ *data* popolari tal-Eurostat.

⁸ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/3217494/6917833/KE-BM-15-003-EN-N.pdf/> (disponibbli bl-Ingliż biss).

⁹ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections/population-projections-data> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/publications/economy-finance/2018-ageing-report-underlying-assumptions-and-projection-methodologies_en (disponibbli bl-Ingliż biss).

¹¹ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹² Dan ikopri t-tixrid kollu skont ir-Regolament, hekk kif id-*data* miġbura skont l-Artikolu 3 ixxerdet għall-ewwel darba fl-ewwel trimestru tal-2015.

¹³ “Population on 1 January” (“Popolazzjoni fl-1 ta’ Jannar”) – kodiċi tad-*data* online: [tps00001](https://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections/population-projections-data) (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹⁴ “Population change – demographic balance and crude rates at national level” (“Tibdil fil-popolazzjoni – Bilanċ demografiku u rati mhux proċessati f’livell nazzjonali”) – kodiċi tad-*data* online: [demo_gind](https://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections/population-projections-data) (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

Dawn ir-riżultati jikkonfermaw ir-rilevanza tad-*data* għall-utenti u għall-pubbliku ġenerali.

3.2. Preċiżjoni

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu liema sorsi tad-*data* jużaw, f'konformità mal-liġi u mal-prattika nazzjonali. Fejn xieraq jistgħu jintużaw metodi ta' stima statistika b'bażi xjentifika u dokumentati kif xieraq (Artikolu 7 tar-Regolament).

Flimkien mad-*data* bażika, il-Eurostat jirċievi metadata relatata b'mod partikolari mal-preċiżjoni tad-*data* u li tispjega fost l-oħrajn:

- is-sorsi tad-*data* u l-proċeduri użati;
- kwalunkwe stima jew immudellar applikat għad-*data*; u
- l-effetti possibbli ta' dawn fuq il-grad ta' konformità mad-definizzjonijiet fir-Regolament.

Minduh dal fis-seħħ ir-Regolament, il-validazzjoni tad-*data* ttejjeb permezz tal-introduzzjoni ta' aktar kontrolli aktar dettaljati fil-kwestjonarju. L-Istati Membri jwettqu dawn il-kontrolli qabel ma jibagħtu d-*data*, u dan jirriżulta fi kwalità ġenerali mtejjba tad-*data*. B'mod simili, regoli msaħħa għall-validazzjoni tad-*data* fil-bażi ta' *data* tal-Eurostat qabel it-tixrid ta' din komplew itejbu l-kwalità tar-riżultati.

Għad li sar ħafna titjib, għadhom jeżistu kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-preċiżjoni rigward:

- kopertura subottimali (eż. meta n-nies ma jirreġistrawx ir-residenza tagħhom); u
- kopertura sovraottimali (eż. meta n-nies ma jagħmlux “dereġistrazzjoni”, peress li spiss ma jkun hemm ebda obbligu jew inċentiv biex jagħmlu dan).

F'dan il-kuntest, il-Eurostat jippromwovi l-użu ta' “flussi mera” rapportati mill-Istati Membri sħab biex jiġu solvuti l-iżbalji fil-kopertura dovuti għal nuqqas ta' reġistrazzjoni u ta' dereġistrazzjoni. Dan issorvelja din il-ħidma permezz ta' diskussjoni approfondita mal-NSIs u billi ffaċilita l-iskambju ta' *data* ta' fluss mera bejn l-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali u tad-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-Eurostat u l-Istati Membri jaħdmu flimkien kontinwament biex isolvu kwistjonijiet pendenti u t-titjib jiġi diskuss u miftiehem f'laqgħat annwali tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni tal-istatistiċi dwar il-popolazzjoni, fejn huma rappreżentati l-NSIs kollha.

3.3. It-tempestività u l-puntwalità

L-iskadenza ewlenija għall-provvista tal-biċċa l-kbira tad-*data* demografika lill-Eurostat hi ta' 12-il xahar wara tmiem is-sena bażi; tliet settijiet ta' *data* żgħar għandhom jintbagħtu fi żmien 6, 8 u 11-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza.

Ġie osservat titjib konsiderevoli fil-puntwalità tal-provvista tad-*data* skont ir-Regolament, meta mqabbel mal-approċċ volontarju preċedenti. Dan hu dovut b'mod partikolari għall-introduzzjoni mill-Istati Membri ta' estrazzjonijiet awtomatiċi mill-bażijiet ta' *data* statistiċi tagħhom biex jikkonformaw mat-talbiet tad-*data* tal-Eurostat u għall-monitoraġġ tal-konformità regolari tal-Eurostat. Għad hemm xi kwistjonijiet iżolati mhux rikorrenti, eż. interruzzjonijiet ikkawżati minn ħsarat fis-sistemi kompjuterizzati.

Il-provvista aktar struttura u kompluta tad-*data* skont ir-Regolament ippermettiet lill-Eurostat iħejji l-proċessar tad-*data* minn qabel u, b'hekk, itejjeb il-veloċità u l-effiċjenza tal-

immaniġġjar u tat-tixrid tad-*data*. Issa hu meħtieġ anqas żmien bejn ir-riċevuta u l-validazzjoni u, imbagħad, it-tixrid tad-*data* fuq is-sit web tal-Eurostat. Iż-żmien tal-proċessar tnaqqas ulterjorment bl-introduzzjoni gradwali ta' proċeduri awtomatizzati interni ta' validazzjoni, bir-rapportar tal-feedback dwar l-iżbalji lill-fornituri nazzjonali tad-*data*.

3.4. L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza

Id-*data* tal-Istati Membri u l-aggregati tal-UE huma disponibbli mingħajr ħlas fuq is-sit web tal-Eurostat¹⁵. L-utenti jistgħu jaċċessaw l-istatistiċi tal-UE dwar id-demografija¹⁶ permezz ta' tliet kanali ewlenin:

- taħt l-intestatura “Tables” (“Tabelli”), tabelli bidimensjonali predefiniti jkopru l-aktar ħtiġijiet tad-*data* komuni b'mod aċċessibbli għal utenti anqas frekwenti jew anqas speċjalizzati;
- taħt l-intestatura “Database” (“Bażi ta' *Data*”), hemm tabelli multidimensjonali disponibbli li jħallu lill-utenti jagħmlu domandi aktar avvanzati u dettaljati. Fuq talba tal-utent, il-Eurostat jipprovdi estrazzjonijiet personalizzati biex iwieġeb għal ħtiġijiet tad-*data* speċjalizzati ħafna jew dettaljati; u
- l-artikli aġġornati b'mod regolari jipprovdu introduzzjoni faċli għall-istatistiċi dwar il-popolazzjoni, billi jgħaqqdu l-graffs, it-tabelli u l-analiżi fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati mal-popolazzjoni¹⁷.

Id-*data* demografika tiġi inkluża fil-pubblikazzjonijiet ta' kompendju bħar-*Regional Yearbook*¹⁸ tal-Eurostat u f'pubblikazzjonijiet dettaljati li jiffokaw fuq suġġetti speċifiċi relatati mad-demografija¹⁹. Kull sena, u diversi drabi, il-ħarġiet tad-*data* jkunu akkumpanjati minn stqarrijiet għall-istampa distribwiti b'mod mifrux jew minn aħbarijiet qosra. Il-Eurostat jippromwovi l-użu ta' artikli *Statistics Explained* billi jagħti aktar informazzjoni dwar l-istatistiċi, it-tendenzi u l-interpretazzjoni tagħhom. Dan it-tip ta' artiklu²⁰ jiġi prodott u aġġornat b'mod regolari għal ħafna mid-*data* miġbura skont ir-Regolament.

3.5. Komparabbiltà u koerenza

L-istatistiċi demografiċi Ewropej jibbażaw fuq grad għoli ta' armonizzazzjoni rigward kunċetti, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u metodoloġiji. Il-kwistjonijiet metodoloġiċi spiss jiġu diskussi fil-grupp ta' esperti dedikat tal-Kummissjoni tal-istatistiċi dwar il-popolazzjoni, li jhegġegħ ukoll l-iskambju ta' esperjenzi u ta' prattiki komuni fl-UE u lil hinn minnha. Biex jiżgura l-komparabbiltà tal-istatistiċi, il-Eurostat jivverifika jekk id-*data* li

¹⁵ Il-paġna ewlenija tal-Eurostat (<http://ec.europa.eu/eurostat>) u l-bażi ta' *data* tal-Eurostat (<http://ec.europa.eu/eurostat/data/database>) (it-tnejn li huma disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹⁶ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹⁷ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/population-demography-migration-projections/population-data> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹⁸ http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Eurostat_regional_yearbook (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

¹⁹ Pereżempju, ara l-aħħar stqarrija għall-istampa tal-Eurostat dwar l-wewel stimi tal-popolazzjoni (10 ta' Lulju 2018): “[Il-popolazzjoni tal-UE tikber għal kważi 513-il miljun fl-1 ta' Jannar 2018](#)” (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

²⁰ <http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Population> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

jirċievi tkunx konsistenti internament u maż-żmien, u komparabbli bejn reġjuni u Stati Membri, f'konformità mal-qafas ta' garanzija tal-kwalità tas-Sistema Statistika Ewropea²¹.

Madankollu, għall-istatistiċi dettaljati msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament, l-applikazzjoni stretta tal-kunċett tal-popolazzjoni ta' "residenza abitwali" irriżultat li hi l-akbar problema biex wieħed jindirizzaha. Qegħdin isiru sforzi u ħafna Stati Membri issa jistgħu japprossimaw ir-"residenza abitwali" fuq il-bażi tas-sorsi tad-*data* nazzjonali tagħhom. Madankollu, ċerti Stati Membri huma konxji mid-diskrepanzi li huma ma jistgħux jeliminaw għal-livelli tad-*data* dettaljati kollha (b'mod partikolari dak reġjonali) meħtieġa mill-Artikolu 3. Pereżempju, uħud ma jistgħux japplikaw il-kriterju ta' 12-il xahar għal stokkijiet tal-popolazzjoni u għal avvenimenti vitali, spiss għaliex il-kundizzjoni tal-istatistika nazzjonali biex persuna tiġi inkluża fil-popolazzjoni tkun ibbażata fuq kriterji permanenti għaċ-ċittadini jew fuq kriterju ta' sitt xhur. Fi ftit każijiet, il-komparabbiltà tad-*data* tkun affettwata minn kwistjonijiet speċifiċi minuri li jikkonċernaw l-użu tal-kunċett ta' "reġistrazzjoni permanenti" biss, b'ebda kriterju taż-żmien għas-soġġorni. Biex jiġu solvuti dawn il-problemi, hu meħtieġ isir aktar xogħol fuq id-definizzjonijiet statistiċi ta' "popolazzjoni".

B'mod ġenerali, l-istatistiċi demografiċi huma komparabbli maż-żmien. Madankollu, jista' jirriżulta nuqqas ta' kontinwità meta l-Istati Membri jtejbju jew ibiddlu l-metodoloġija tagħhom, jew jaġġustaw l-unitajiet territorjali użati fl-istatistiċi. Dawn huma indikati kif xieraq fit-tabelli dwar it-tixrid tad-*data* fil-bażi ta' *data* tal-Eurostat u dokumentati għall-utenti permezz tal-metadata fuq is-sit web tal-Eurostat jew fil-pubblikazzjonijiet rilevanti.

3.6. Miżuri għat-titjib tal-kwalità

Il-Eurostat għadu jsegwi każijiet iżolati ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament, fejn id-*data* kienet inkompluta, kienet ta' kwalità baxxa jew ma ntbagħtitx sal-iskadenzi legali. Dan jissorvelja u jivvaluta dawn l-aspetti tal-provvista tad-*data* fuq bażi kontinwa u jikkuntattja lill-Istati Membri konċernati f'livell tekniku u amministrattiv biex isolvu l-problemi.

4. IL-ĠBIR TAD-DATA U L-METODI TA' STIMA

4.1. Data skont l-Artikolu 3 tar-Regolament

L-Istati Membri jiġbru d-*data* billi jużaw is-sorsi u l-prattiki nazzjonali tagħhom stess, iżda huma obbligati jiżguraw il-kwalità tad-*data* u tal-metadata li jibagħtu, u li jużaw sorsi tad-*data* u metodoloġiji li jippermettulhom jikkonformaw ma' definizzjonijiet regolari komuni. Il-Eurostat jista' jirrieżamina l-prattiki nazzjonali, peress li l-Istati Membri jridu jirrapportawlu s-sorsi tad-*data*, id-definizzjonijiet u l-metodi ta' stima li jużaw u jinformatu dwar kwalunkwe tibdil.

Biex iżommu konformità mar-Regolament, l-Istati Membru tejbju l-kwalità tal-istatistiċi mibgħuta lill-Eurostat skont l-Artikolu 3 billi użaw sorsi addizzjonali, eż. reġistri tal-assigurazzjoni tas-saħħa, reġistri tat-taxxa u Ċensiment tal-2011. Barra minn hekk, tul dawn l-aħħar snin, il-maġġoranza vasta tal-Istati Membri għamlet, jew qed tippjana jew tikkunsidra, tibdiliet kbar fis-sorsi tad-*data* u fil-metodi użati għaċ-ċensimenti dwar il-popolazzjonijiet u l-abitazzjonijiet tagħhom; l-aktar komuni, dawn jikkonċernaw l-użu akbar tad-*data* minn sorsi amministrattivi u jitbiegħdu minn enumerazzjonijiet taċ-ċensimenti tradizzjonali "bieb, bieb" jew "bil-posta". Dan għandu impatt importanti fuq il-produzzjoni ta' statistiċi demografiċi annwali, kif spjegat aktar 'il quddiem fit-taqsimiet 4.3 u 5.

²¹ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4392716/ESS-QAF-V1-2final.pdf/bbf5970c-1adf-46c8-afc3-58ce177a0646> (disponibbli bl-Ingliż biss).

4.2. Data skont l-Artikolu 4 tar-Regolament

L-Artikolu 4 tar-Regolament jeħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw mal-Eurostat il-popolazzjoni totali tagħhom għal finijiet speċifiċi tal-Unjoni fuq il-bażi tal-kunċett strett ta' "residenza abitwali". Dawn jistgħu jistmawha mill-popolazzjoni "residenti legalment" jew "reġistrata" billi jużaw metodi ta' stima b'bażi xjentifika, dokumentati sew u pubblikament disponibbli.

Skont il-fajls tal-metadata nazzjonali, ħafna mill-Istati Membri jistmaw il-popolazzjoni ta' "residenti abitwali" totali tagħhom għaliex ma jinsabux f'pożizzjoni li jkejlha b'mod dirett.

Uħud mill-Istati Membri rrapportaw lill-Eurostat li huma jistmaw il-popolazzjoni ta' "residenti abitwali" tagħhom billi japplikaw aġġustament ġenerali fil-popolazzjoni nazzjonali tagħhom, biex ikopru:

- flussi migratorji rapportati b'mod subottimali (jiġifieri nies li ma rreġistrawx meta waslu fl-Istat Membru jew ma għamlux dereġistrazzjoni meta telqu); u/jew
- avvenimenti vitali rapportati b'mod subottimali (jiġifieri avvenimenti li jseħħu barra l-pajjiż, iżda ma jiġux rapportati jew jiġu rapportati b'dewmien).

Stati Membri oħra jridu jaġġustaw il-kunċett nazzjonali tagħhom ta' "durata tas-soġġorn"²² biex ikun jistgħu jistmaw il-popolazzjoni ta' "residenti abitwali" fuq il-bażi ta' kriterju ta' durata ta' 12-il xahar tas-soġġorn.

Il-Eurostat ma osserva ebda inadegwatezza fil-metodoloġija użata għall-fajls tal-metadata u għad-dokumentazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, u ebda problema fil-kwalità fir-riżultati.

4.3. Spejjeż u piż

L-Artikolu 7 tar-Regolament għandu l-għan li jnaqqas il-piż tar-rispons fuq il-partijiet responsabbli biex jipprovdu *data* statistika; jippermetti lill-Istati Membri:

- jagħżlu s-sorsi tad-*data* f'konformità mal-liġi u mal-prattika nazzjonali; u
- jużaw metodi statistiċi xierqa ta' stima, dment li dawn ikollhom bażi xjentifika u jkunu dokumentati kif xieraq.

Il-maġġoranza vasta tal-Istati Membri tiddikjara fl-informazzjoni tal-metadata li tuża sorsi tad-*data* amministrattiva biex tipproduċi statistiċi demografiċi, u b'hekk ma jkun hemm ebda piż fuq ir-rispondenti.

Il-piż fuq l-NSIs hu limitat għall-għażla tad-*data* meħtieġa skont ir-Regolament u għall-produzzjoni tat-tabelli rilevanti. Dan il-piż hu meqjus bħala l-minimu possibbli. Madankollu, għall-NSIs li ma jużawx ir-"residenza abitwali" għall-istatistiċi nazzjonali tagħhom, il-piż tal-produzzjoni taċ-ċifra tal-popolazzjoni (kif meħtieġ skont l-Artikolu 4) għall-ewwel sena ta' referenza jista' jitqies akbar, peress li dawn iridu jipproduċu metodoloġija speċjali u japplikaw metodu ta' stima mill-2014 'il quddiem.

5. STUDI TAL-FATTIBILTÀ

L-Artikolu 8 tar-Regolament jeħtieġ li l-Istati Membri jwettqu studji tal-fattibbiltà fuq l-użu tad-definizzjoni ta' "residenza abitwali" għall-popolazzjoni u għall-avvenimenti vitali. L-

²² Ara t-taqsima 3.5.

istudji jinvolvu l-analiżi tas-sorsi tad-*data* kurrenti u potenzjali, il-proċessar tad-*data* u l-possibbiltà li jiġu stmati l-istatistiċi neċessarji. Primarjament, dawn jimmiraw li jivvalutaw l-ambitu għat-titjib tal-komparabbiltà tal-kunċetti u tad-definizzjonijiet, u konsegwentement jirriżultaw fi kwalità u f'komparabbiltà aħjar tad-*data*.

Il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE²³ wettqu studji tal-fattibbiltà dwar l-użu tad-definizzjoni ta' "residenza abitwali" għad-disaggregazzjonijiet kollha tal-popolazzjoni u tal-avvenimenti vitali meħtieġa skont ir-Regolament, biex jivvalutaw jekk ikunx possibbli li jinkiseb l-istess kunċett ta' "popolazzjoni" għall-Istati Membri kollha u għad-*data* kollha. L-appoġġ finanzjarju ġie pprovdut fil-forma ta' għotjiet. Il-pajjiżi kollha ssottomettew rapporti dwar ir-riżultati tal-istudji lill-Eurostat sal-iskadenza stipulata fir-Regolament (il-31 ta' Diċembru 2016). Ir-rapport juri li l-applikazzjoni tad-definizzjoni tkun problematika għal uħud mill-Istati Membri, b'mod partikolari għal dawk li jużaw sorsi tad-*data* amministrattiva biex jipprovdu *data* lill-Eurostat għal statistiċi demografiċi u għal ċensimenti tal-popolazzjoni (li huma l-bażi tal-istatistiċi demografiċi f'diversi Stati Membri).

Din il-problema tista' tinfirex aktar hekk kif jiżdied in-numru ta' Stati Membri li jużaw *data* amministrattiva. Pereżempju, il-ħidma kurrenti biex titħejja s-serje tal-2021 ta' ċensimenti dwar il-popolazzjonijiet u l-abitazzjonijiet turi li 13 mill-31 pajjiż tal-UE/taż-ŻEE li jipprovdu *data* skont ir-Regolament qed jippjanaw ċensiment primarjament ibbażat fuq reġistru, 8 minnhom qed jippreparaw ċensiment tradizzjonali u 10 oħra ċensiment kombinat ġeneralment ibbażat fuq reġistru tal-popolazzjoni. Wara s-serje taċ-ċensimenti tal-2021, il-bilanċ jista' jxaqleb saħansitra aktar lejn ir-reġistri, peress li xi Stati Membri li għadhom iwettqu ċensiment tradizzjonali qed ifittxu approċċi alternattivi fattibbli bbażati fuq *data* amministrattiva.

Bħala sinteżi:

- ċerti Stati Membri jistmaw l-istokkijiet tal-popolazzjonijiet tagħhom darba fis-sena, billi jużaw komponenti demografiċi (twelid ħaj, imwiet, immigrazzjoni u emigrazzjoni) applikati għaċ-ċifri taċ-Ċensiment tal-2011;
- oħrajn jistmaw il-popolazzjoni fuq il-bażi tar-reġistri statistiċi dwar il-popolazzjoni; u
- diversi jużaw, jew ser ikunu qed jużaw, bosta sorsi tad-*data* (normalment amministrattiva) biex ikejlu r-"residenza abitwali", b'mod partikolari fil-kuntest tal-evoluzzjoni taċ-ċensimenti dwar il-popolazzjoni.

Il-kwistjonijiet u d-diffikultajiet ewlenin imsemmija fir-rapporti tal-Istati Membri rigward il-fattibbiltà tal-kunċett ta' "residenza abitwali" jistgħu jiġu raggruppati kif ġej:

- jintużaw kunċetti differenti ta' "durata tas-soġġorn": 3 xhur, 6 xhur, 9 xhur, 12-il xahar jew mingħajr limitu ta' żmien. Normalment, l-Istati Membri jkun jistgħu japprossimaw soġġorni ta' 12-il xahar, iżda primarjament b'aġġustament ġenerali f'livell aggregat (jiġifieri għal *data* meħtieġa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament). Madankollu, dawn mhumie x f'pożizzjoni li japprossimaw soġġorni ta' 12-il xahar fil-livelli dettaljati meħtieġa skont l-Artikolu 3;
- filwaqt li d-dereġistrazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' post ġdid ta' residenza spiss ikunu obligatorji, f'diversi Stati Membri dawn ma jsirux jew isiru biss wara ċertu dewmien;

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 għadu mhuwix inkluż fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistiċi.

- Normalment l-Istati Membri jkunu jistgħu jgħoddu biss nies li s-soġġorn tagħhom ikun legali jew legalizzat. Konsegwentement, nies b'soġġorn irregolari ma jistgħux jingħaddu, anki jekk ikunu jistgħu jitqiesu li huma parti mill-popolazzjoni ta' residenti abitwali;
- L-Istati Membri li jużaw reġistru tal-popolazzjoni u/jew *data* amministrattiva jaf isibu diffikultajiet biex jiddeterminaw "intenzjoni ta' soġġorn", kif meħtieġ għad-definizzjoni ta' "residenza abitwali", b'mod partikolari għal ċerti gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni (eż. applikanti għall-ażil);
- meta jintużaw il-komponenti tal-popolazzjoni mill-bażi taċ-ċensiment (tar-residenza abitwali), għandha ssir valutazzjoni dwar jekk l-avvenimenti vitali jkunx konsistenti mal-kunċett ta' "residenza abitwali", jiġifieri meta d-*data* dwar l-avvenimenti vitali tinġabar ukoll skont dan il-kunċett. Madankollu, din il-valutazzjoni mhux dejjem issir; u
- ċerti "gruppi speċjali" tal-popolazzjoni ta' "residenti abitwali"²⁴ ma jistgħux jiġu identifikati jew ma jkunx possibbli li jiġi vvalutat jekk humiex inklużi, eż. nies li jgħixu b'mod regolari f'aktar minn residenza waħda matul is-sena jew nies li jistgħu jkunu migranti irregolari jew mingħajr dokumenti.

Finalment, biex jinġabru l-konklużjonijiet tal-Istati Membri:

- ċerti Stati Membri jindikaw li huma diġà jipprovdu "residenza abitwali", primarjament għaliex il-popolazzjoni tagħhom hi stmata ta' kull sena mill-għadd taċ-Ċensiment tal-2011 (dwar ir-residenza abitwali) bl-użu ta' komponenti tal-popolazzjoni (twelid ħaj, imwiet, immigrazzjoni u emigrazzjoni). Id-diskussjonijiet mal-pajjiżi kkonċernati se jissokkaw;
- uħud jivvalutaw li l-"popolazzjoni nazzjonali" (primarjament il-popolazzjoni reġistrata) tagħhom hi qrib ħafna tal-"popolazzjoni ta' residenti abitwali", b'mod partikolari fil-livell totali, u għalhekk ma jkun hemm ebda bżonn li tinbidel, peress li l-kwalità tkun suffiċjenti u kwalunkwe aġġustament ikun ifisser spejjeż addizzjonali. Madankollu, f'livell aktar disaggregat (jiġifieri fil-livelli meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 205/2014), id-differenzi jistgħu jsiru akbar u l-impatt potenzjali fuq statistiċi demografiċi aktar dettaljati għandu jiġi eżaminat; u
- f'ċerti Stati Membri, ir- "residenza abitwali" tista' titkejjel bl-użu ta' diversi metodi ta' stima, eż. bl-użu ta' "sinjali" minn *data* amministrattiva varja biex jiġi evalwat jekk in-nies humiex qed jgħixu fl-Istat Membru). Madankollu, dawn il-metodi jridu jiġu rfinuti iktar peress li illum ma jaħdmux għad-disaggregazzjonijiet meħtieġa kollha. eż. ċerti pajjiżi ma jistgħux jiddeterminaw ir-reġjun ta' residenza.

6. TITJIB ULTERJURI TAL-ISTATISTIĊI EWROPEJ DWAR IL-POPOLAZZJONI

Dan ir-rapport wera li r-Regolament tejjeb b'mod sinifikanti l-istatistiċi Ewropej dwar id-demografika f'termini tad-disponibbiltà, tal-kompletezza, tal-puntwalità (tal-provvista tad-*data* mill-NSIs) u tal-puntwalità tad-*data* (tal-produzzjoni u tat-tixrid tad-*data* mill-Eurostat). Il-kwalità tad-*data* bbenefikat mit-tgħaqqid tal-ġbir tad-*data* ma' dak tad-*data* riċevuta skont

²⁴ Hemm ċerti gruppi tal-popolazzjoni li għalihom jista' jkun hemm ċerta inċertezza rigward l-inklużjoni tagħhom fil-popolazzjoni ta' "residenti abitwali" ta' Stat Membru u li jkunu soġġetti għal trattament speċjali. Għal aktar dettalji, ara l-Kapitlu V ("Population bases" - "Bażijiet tal-popolazzjoni") fuq: http://www.unece.org/fileadmin/DAM/stats/publications/2015/ECECES41_EN.pdf (disponibbli bl-Ingliż biss).

l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u l-miżuri ta' implimentazzjoni relatati, u s-serje ta' Ċensimenti tal-2011. Il-kwalità għandha tkompli tittejjeb fil-futur, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-kopertura subottimali u dik sovraottimali.

Korpi uffiċjali Ewropej u nazzjonali, korpi nongovernattivi u l-pubbliku ġenerali qed jagħmlu użu akbar mill-istatistiċi regolati bir-Regolament. Id-*data* għandha tirrifletti l-ħtiġijiet li dejjem qed jevolvu tal-utenti (eż. rigward l-influss ta' nies li qed ifittxu refuġju fl-Ewropa) fid-dawl tat-tibdiliet demografiċi, filwaqt li jitqies il-piż fuq il-fornituri tad-*data*.

Modi kif tkompli tittejjeb is-sitwazzjoni se jiġu kkunsidrati fil-kuntest tat-tnejjijiet għaċ-ċensiment tal-popolazzjoni tal-UE ta' wara l-2021.

7. KONKLUŻJONIJIET

Bis-saħħa tal-isforzi konġunti li jinvolvu l-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE, l-implimentazzjoni tar-Regolament żiedet u tejjbet l-eżitu tal-istatistiċi ta' kwalità għolja Ewropej dwar id-demografija.

Il-produzzjoni ta' statistiċi demografiċi Ewropej skont ir-Regolament tista' titqies għaddejja sew, u qed tipprovdi *data* rilevanti lil diversi partijiet ikkonċernati u lil amministrazzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Madankollu, l-imġiba demografika u l-istruttura tal-popolazzjoni jinsabu fi fluss kostanti u, hekk kif isiru disponibbli sorsi ġodda tad-*data* u metodi ġodda, monitoraġġ mill-qrib tal-produzzjoni kurrenti tad-*data* u tal-eżitu skont ir-Regolament u l-iżviluppi paralleli rigward il-ħtiġijiet futuri se jibqgħu sfida importanti fis-snin li ġejjin.